MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 140/2011

**Il-Pulizija
(Spt. Anthony Agius)
Vs
Tonio (Anthony) Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 469269M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Toys ' Kids Limited (C 12916) ghas-snin 1998, 1999, 2001, 2002 u 2003 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi

artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar, 2011, li biha, l-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-appellat u ddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta’ l-appellat preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta’ Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fis-7 ta’ Marzu, 2011 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1)(b)(iv) tal-Kap. 9.

Illi kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza l-istess appellat ma kkontestax in-nuqqas tas-socjeta` imsemmija li tibghat il-formoli u l-hlasijiet relattivi. Il-kwistjoni kollha hi jekk l-azzjoni hiex preskritta jew le.

Illi l-esponenti jissottometti illi hawnhekk si tratta di reat permanenti u ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati applikat l-artikolu 688(e) b’mod zbaljat u dan ghaliex fil-kaz ta’ reati permanenti bhal fil-kaz odjern, se mai kellu japplika l-artikolu 691(1) tal-Kap. 9 li jghid espressament illi ghar-reati permanenti, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat. Illi in oltre l-proviso tal-artikolu 23(12) tal-Kap. 372 jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m’ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-

persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu, filwaqt li l-proviso tal-artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa` jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma w hares id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih. Illi dan essenzjalment ifisser li ma jkun hemm l-ebda preskrizzjoni, u dan kif gie imfisser fis-sentenza l-ismijiet "Il-Pulizija vs Avukat Dottor Albert Ganado" fejn il-Qorti rriteniet illi *"Il-perjodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta tittermina l-vjolazzjoni, u* ***ghalhekk f'kaz ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni"***

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost, l-esponent hu tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati ma setghatx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa stante li gie pruvat li l-appellat mhux konformi mal-ligi u stante li r-reati imputati lilu jibqghu jezistu sakemm l-istess appellat ikun konformi ma w jhares id-disposizzjonijiet tal-ligi.
Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra tillimita din is-sentenza ghal kwistjoni ta' preskrizzjoni imqajjma fl-ewwel Qorti. Infatti bis-sentenza taghha ta' 25 ta' Frar 2011, l-ewwel Qorti lliberat lil l-appellant mill-akkuzi dedotti kontra tieghu ghax qalet illi l-azzjoni tinsab preskritta bid-dekors taz-zmien sentejn. L-Avukat Generali ma qabilx ma din id-decizjoni u interponta dan l-appell.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-Avukat Generali illi hawn si tratta ta' reat permanenti. L-appellat kien obbligat illi f'kull l-ahhar tas-sena jibghat id-denunzji illi il-Ligi timpani fuqu illi jibghat. F'kazijiet bhal dawn ma hemmx terminu meta jiskatta il-preskrizzjoni ghax l-istat tal-ksur tal-Ligi jibqa' sakemm il-persuna li tkun, ma tkunx baghtet id-denunzji kif obbligat. Ghalhekk, minkejja illi l-appellat ma baghtx id-denunzja tan-1998 ma jfissirx illi din tigi preskritta sentejn wara ghax sa sentejn wara ikun ghadu obbligat xorta wahda illi jibghat id-denunzja avolja tardiva. L-istess jinghad ghal bqija tas-snin illi l-appellat

baqa ma baghtx id-denunzja. U cioe min-1998 sa 2003. Inoltre, ma tistax tiskarta l-proviso specjali ta' l-Artikolu 23 (12) tal-Kap 372 li jispecifika z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-despozizzjonijiet ta' l-istess Artikolu. Il-proviso ta' l-Artikolu 23 (13) jipprovdi illi r-reat jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma u hares id-despozizzjonijiet ta' dak l-Artikolu jew ta' kull regola msemmija fih. Dan ifisser quindi, illi p-preskrizzjoni tibqa' ghadejja biss wara illi l-appellat ikun ikkonforma ruhu mal-Ligi u jekk sa sentejn wara ma tkunx intallbet xi multa ghal denunzji tardivi, allura f'dan il-kaz il-multa tkun preskritta. Imma din il-preskrizzjoni ma tidekorrix sakemm l-appellat jibqa' f'dan l-istat ta' illegalita u ma jibatx id-denunzji kif inhu obbligat illi jaghmel.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tiddikjara l-azzjoni mhux preskritta u konsegwentement tibghat l-atti lil ewwel Qorti sabiex tidderimi l-kwistjoni fuq il-meritu. Dan ghaliex dan il-Kap ma jidhirx li gie trattat mill-Ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------